MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1397/1998/1

**John, Joseph, Nażżareno u Anthony, aħwa ĊIANTAR, Julie Seguna, Tessie Briffa, Bernadette Saliba, Rita Rogers u Francesca Chircop**

**vs**

**Mario, Maria Carmela aħwa ĊIANTAR, Cherubina Mamo u Catherine Farruġia**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-25 ta' Ġunju, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li jiġu likwidati l-assi tal-wirt ta' George u Cherubina miżżewġin Ċiantar[1] u li ssir il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tas-sehem ta' leġittima spettanti lil kull wieħed u waħda minnhom, jekk meħtieġ billi jsir il-bejgħ bl-irkant tal-post

[1] Talba li żdiedet mat-talba oriġinali permezz ta' degriet tas-7.3.2000 (paġ. 38 tal-proċess)

numru 107, Triq il-Karmnu, ż-Żurrieq "li huwa l-uniku ass (*sic*) ta' sustanza formanti parti mill-eredita' ġjaċenti";

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-27 ta' Ottubru, 1998, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li ma setgħetx tintalab il-liċitazzjoni tal-post jekk qabel ma jirriżultax li l-imħarrkin ma ħarsux is-sentenza tal-Qorti li jħallsu lill-atturi s-sehem riżervat tagħhom u jekk qabel ma jkunx ġie likwidat il-wirt, ħaġa li ma ntalbitx mill-atturi. Laqgħu ukoll billi qalu li d-dar li l-atturi jridu li tinbiegħ b'irkant kienet imħollija lill-imħarrka Carmela Ċiantar b'użufrutt u għalhekk ma tistax tintalab il-liċitazzjoni tagħha, u dan minbarra li l-istess dar tħalliet b'legat rimuneratorju favur dawk minn uliedhom li jkunu baqgħu jduru b'ohthom Carmela. Żiedu billi qalu li l-atturi jridu juru li, meta irrinunzjaw għal-wirt, żammew tassew sħiħa l-pretensjoni tagħhom għas-sehem riżervat (dak iż-żmien kien għadu jissejjaħ "leġittima"), u li, f'kull każ, ir-rinunzja ma tiswiex għaliex saret madwar tliet snin wara l-mewt tas-superstiti. Fl-aħħarnett, jgħidu li l-azzjoni attriċi ma tistax titressaq kontrihom għaliex il-ġid tal-wirt jinsab f'idejn l-attur John Ċiantar u ma tistax issir il-likwidazzjoni tal-wirt qabel jitlaq dak il-ġid minn idejh;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Marzu, 2000, li bih u fuq talba mressqa mill-atturi bir-rikors tagħhom tas-27 ta' Diċembru, 1999[2], ordnat li tiżdied talba ma' dik oriġinarjament magħmula fl-Att taċ-Ċitazzjoni;

Rat in-Nota mressqa mill-attur John Ċiantar (waħdu) fit-28 ta' Settembru, 2001[3], li biha huwa ċeda l-atti tal-kawża minħabba ftehim li ntlaħaq mal-imħarrkin fl-20 ta' Settembru, 2001[4];

Rat is-sentenza preliminari mogħtija fil-15 ta' Lulju, 2002[5], li biha u għar-raġunijiet hemm mogħtija, ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrkin bl-ispejjeż kontrihom;

---

[2] Paġ. 34 tal-proċess
[3] Paġ. 43 tal-proċess
[4] Paġġ. 44-5 tal-proċess
[5] Paġġ. 64 sa 70 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta’ Lulju, 2002[6], li bih ħatret lill-Parit arkitett Godwin Abela biex jagħmel valutazzjoni tal-(im)mobbli u jillikwida l-leġittima spettanti lill-attur(i);

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-imsemmi Perit Tekniku fl-20 ta’ Frar, 2003[7], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tas-7 ta’ Mejju, 2003;

Semgħet lill-imsemmi perit tekniku jixhed in eskussjoni fuq talba tal-atturi dak inhar stess li nħalef ir-Rapport tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta’ Novembru, 2003[8], li bih reġgħet ħatret lill-imsemmi arkitett Godwin Abela biex jagħti stima tal-post daqslikieku ċ-ċens impost fuqu kellu jinfeda;

Rat ir-Relazzjoni addizzjonali mressqa mill-imsemmi Perit tekniku fit-12 ta’ Jannar, 2004[9], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tat-18 ta’ Frar, 2004;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-18 ta’ Frar, 2004;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet kemm quddiem il-Qorti bil-miftuħ u kif ukoll bil-meżż tal-affidavit;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-12 ta’ Mejju, 2005[10];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-26 ta’ Settembru, 2005[11], bi tweġiba għal dik imressqa mill-atturi;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[6] Paġ. 63 tal-proċess
[7] Paġġ. 73-5 tal-proċess
[8] Paġ. 86 tal-proċess
[9] Paġġ. 89-90 tal-proċess
[10] Paġġ. 164 sa 170 tal-proċess
[11] Paġġ. 173-4 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta’ Ottubru, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal-likwidazzjoni u tqassim tas-sehem riżervat. L-atturi bħala leġittimarji ta’ George u Cherubina Ċiantar, qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni tal-ġid tal-wirt u tas-sehem riżervat li għandhom jedd għalih bil-liġi. L-imħarrkin huma l-werrieta li ma rrinunzjawx għall-ħatra tagħhom ta’ werrieta;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu b’għadd ta’ eċċezzjonijiet, il-biċċa l-kbira minnhom ta’ natura proċedurali. Ġara wkoll li, matul iż-żmien li l-kawża kienet qegħda tinstama’, l-attur John Ċiantar (protagonist fi tnejn mill-imsemmija eċċezzjonijiet) wasal fi ftehim mal-imħarrkin, ingħata somma għas-saldu tal-pretensjonijiet tiegħu u ċeda l-kawża għal dak li jirrigwarda l-interessi tiegħu. Iżda l-qofol tal-kwestjoni baqa’ ma ntlaħaqx qbil dwaru mill-partijiet l-oħrajn: il-kwestjoni hi dwar il-valur tal-assi ereditarju tal-miżżewġin Ċiantar li fuqu jrid jinħadem is-sehem riżervat;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-partijiet huma wlied George u Cherubina miżżewġin Ċiantar. George Ċiantar miet f’Diċembru tal-1992[12], u martu mietet f’Mejju tal-1998[13]. Il-wirt tagħhom jinsab regolat b’testment *unica charta* ippubblikat fl-atti tan-Nutar Mario Buġeja f’Ġunju tal-1992[14]. It-testaturi ħallew tlettax-il (13) wild, li huma l-partijiet f’din il-kawża. Lil dawn uliedhom ilkoll ħatruhom bħala werrieta universali tagħhom, ħlief għal tnejn minnhom, l-atturi Francesca Chircop u Rita Rogers, li ħallewlhom biss is-sehem riżervat (dak iż-żmien magħrufa bħala “il-leġittima” jew, fi kliem it-testaturi, “dak l-anqas permess bil-liġi”) . Wara l-mewt tat-testatur, uħud mill-atturi irrinunzjaw għall-wirt, billi ressqu l-proċedura

[12] Dok “B”, f’paġ. 10 tal-proċess
[13] Dok “A”, f’paġ. 9 tal-proċess
[14] Dok “Ċ”, f’paġġ. 5-8 tal-proċess

meħtieġa fil-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja. Il-kawża nfetħet xahar wara l-mewt tal-omm, f'Ġunju tal-1998;

Ili għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jidħlu fil-każ, qabel xejn irid jingħad ukoll li matul iż-żmien li l-kawża kienet qegħda tinstama', l-liġi tas-suċċessjoni[15] għaddiet minn bidla wiesgħa f'għadd ta' oqsma tagħha. L-istitut tal-leġittima kien wieħed mill-oqsma milquta sewwa b'dawn il-bidliet. Madankollu, minħabba li fil-każ li għandna quddiemna, l-wirt infetaħ qabel ma daħlu fis-seħħ l-imsemmija bidliet, il-kwestjoni trid titqies skond kif kienet il-liġi f'dak iż-żmien[16];

Il-liġi kienet tqis is-sehem riżervat bħala parti mill-ġid tal-mejjet (*quota bonorum*) u mhux bħala sehem mill-wirt tiegħu (*hereditatis portio*) u għalhekk il-leġittimarju ma kienx sempliċi kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jagħmel tajjeb għad-djun tiegħu (għalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt iħallu effett fuq is-sehem tal-leġittima li l-leġittimarju jkollu jedd jirċievi). Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għal-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt[17]. Il-leġittimarju jrid jitlob il-leġittima mingħand min ikun inħatar (jew aċċetta li jkun) werriet, u għandu l-jedd jistenna li l-ġid li minnu jingħata s-sehem riżervat tiegħu ikun għadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-*decuius*[18];

Illi jsegwi li l-leġittima trid tingħata *in natura*[19], jiġifieri tkun magħmula minn fost il-ħwejjeġ mill-ġid tal-mejjet li jew jkunu għadhom jagħmlu parti mill-assi tiegħu mal-mewt, jew ikunu ddaħħlu idejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul ħajtu iddispona b'liberalita' minn iżjed minn dak li tagħtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinħadem fuq il-wirt kollu (magħdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul ħajtu wkoll bi ħsieb ta' ż-żwieġ[20]), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż

---

[15] Permezz tal-Att XVIII tal-2004, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Frar, 2005, u fl-1 ta' Marzu, 2005 (A.L. 37 tal-2005 u A.L. 48 tal-2005)
[16] Art. 116(2) tal-Att XVIII tal-2004
[17] P.A. **16.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs Licari et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.620**)
[18] App. Ċiv. **10.6.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia noe et vs Mintoff noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.472)**
[19] P.A. **22.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Wismayer et vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.574**)
[20] Art. 620(3) tal-Kap 16

tal-funeral[21] u dak il-ġid kollazzjonabbli li l-leġittimarju ikun ħa mingħand it-testatur[22], u tingħata fi proprjeta' sħiħa meħlusa minn kull piż jew kondizzjoni[23]. Fuq kollox, is-sehem riżervat jiġi mgħoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugħ tax-xorti[24];

Illi ladarba l-miżżewġin Ċiantar ħallew tlettax-il wild ħajjin fil-waqt ta' mewthom, dan iġib li s-sehem riżervat sħiħ għandu jkun ta' nofs ($^{1}/_{2}$) tal-ġid ereditarju rispettiv ta' kull wieħed u waħda minnhom[25]. Dan is-sehem irid jinqasam daqsinsew bejn dawk kollha li jmisshom minnu[26]. Dan ifisser li l-ulied kollha – kemm dawk li nħatru werrieta u wkoll dawk li tħallew barra jew inqatgħu mill-wirt – iridu jitqiesu biex wieħed jara kemm kien l-għadd ta' wlied li fuqu jinħadem is-sehem riżervat[27];

Illi huwa prinċipju aċċettat ukoll li s-sehem riżervat inissel il-jedd għall-imgħaxijiet favur min għandu jedd għalih. Tali mgħax jibda għaddej minn dak inhar li jinfetaħ il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-leġittimarju u mhux fuq il-ġid kollu tal-wirt[28];

Illi f'dan il-każ il-kwestjoni dwar il-valur tal-wirt ħadet xejra ewlenija, u dan minħabba li l-ġid prinċipali li fuqu jista' jinħadem l-ammont tas-sehem riżervat huwa post li, bħalissa, huwa miżmum taħt titolu ta' ċens li jagħlaq. Huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak tas-siwi ta' tali ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li tali ġid kien dak iż-żmien, u b'mod iżjed preċiż: "li, għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-*decuius* (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima) **bilfors** wieħed irid

---

[21] Art. 620(2) tal-Kap 16
[22] Art. 620(4) tal-Kap 16
[23] Art. 620(1) tal-Kap 16
[24] P.A. **7.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Meli et*** (Kollez. Vol: **LI.ii.696**)
[25] Art. 616(1) tal-Kap 16
[26] Art. 616(2) tal-Kap 16
[27] Art. 618(3) tal-Kap 16
[28] P.A. **16.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Said vs Borġ Grech noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.568**)

jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni"[29];

Illi tali fehma tibqa' sseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie soddisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "*aestimatio rei*"[30]. Iżda, f'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat[31]. Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju għall-finijiet li jiġi stabilit is-sehem riżervat, wieħed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-ġid fil-ġejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jiżdied il-valur tiegħu). Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet. F'dan ir-rigward, għalhekk, il-Qorti ssib li għandha taqbel mas-sottomissjonijiet tal-imħarrkin billi jirriflettu aktar il-qagħda legali korretta;

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji u minn dak li ħareġ mill-atti tal-kawża, is-sehem riżervat li minnu għandhom jedd jieħdu l-atturi jrid jinħadem fuq il-valur tad-dar tat-testaturi fil-kundizzjoni li kienet tinsab fiha mal-ftuħ tal-wirt. Għalkemm ma jirriżulta mill-ebda verbal u minkejja li tressqu provi biex juru li kien hemm ġid ieħor mobbli u depożiti modesti fil-banek, l-atturi issottomettew[32] li huma kienu qegħdin jillimitaw it-talba tagħhom għal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat spettanti lilhom għall-valur tal-imsemmija dar. Ħareġ ukoll[33] li l-imsemmija dar kienet ġid parafernali tal-omm in kwantu għal nofs minnha u komunjoni tal-akkwisti in kwantu għan-nofs l-ieħor li l-istess omm kienet kisbet matul iż-żwieġ tagħha mingħand ħuha. Minħabba f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti sejra tillikwida l-wirt tal-miżżewġin Ċiantar bħallikieku kien ġid komuni;

---

[29] App. Ċiv. **10.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Conċetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et*** (mhix pubblikata)
[30] App. Ċiv. **14.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et*** (mhix pubblikata)
[31] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Anne Żammit et vs Antonia Ellul et***
[32] Paġ. 167 tal-proċess
[33] Affidavit tal-attriċi Benedetta Saliba 14.4.2004, f'paġ. 94 tal-proċess

Illi l-Qorti ħatret perit tekniku biex jagħti stima tal-valur tal-imsemmija dar. Huwa wasal għall-fehma li d-dar tiswa ħamest elef ħames mija u għoxrin lira maltin (Lm 5,520) u f'dan l-ammont ittieħed qies ukoll tal-fatt li l-post huwa suġġett għal enfitewsi li tagħlaq u kif ukoll għall-użufrutt favur l-imħarrka Maria Carmela Ċiantar. L-imħarrkin qablu mal-imsemmija valutazzjoni. Din l-istima l-atturi ma merewhiex fiha nfisha, imma qanqlu l-kwestjoni ta' kemm ikun jiswa l-post li kieku ċ-ċens kellu jinfeda. Minħabba dak li ngħad aktar qabel, il-Qorti m'għandhiex torbot il-fehma tagħha ma' dak li jista' jkun il-valur potenzjali tal-post;

Illi wieħed issa jrid jara jekk is-sehem hekk likwidat jistax jittieħed mill-atturi *in natura*, jew jekk l-atturi għandhomx jieħdu s-sehem tagħhom bil-ħlas ta' somma flus. Ix-xewqa tal-liġi li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt skond in-natura tiegħu tista' ma titwettaqx jekk kemm-il darba biex isir hekk, iseħħ preġudizzju għall-ġid tal-istess wirt. Bħalma jseħħ fir-regoli dwar jekk ishma f'wirt jistgħux jinqasmu f'ammonti ndaqs, hekk ukoll hawnhekk, fejn ikun meħtieġ li xi sehem jingħata jew irid iħallas lil sehem ieħor somma qawwija f'ekwiparazzjoni, l-għażla għandha tkun favur il-ħlas ta' somma u mhux favur qasma artifiċjali. Ta' min jgħid li l-liġi trid li s-sehem riżervat ikun magħmul minn ġid tal-wirt, u ma tgħidx li jrid ikun magħmul minn biċċa minn kull ħaġa f'tali wirt. L-istess ħaġa tingħad jekk, fost il-ġid li jkun hemm fil-wirt, partijiet minnu jkunu tħallew mill-mejjet bħala legati jew prelegati, sakemm ma jkunx b'hekk inqabeż is-sehem li minnu l-istess mejjet seta' iddispona. Hija dejjem l-għażla u d-diskrezzjoni tal-Qorti li tqis jekk għandhiex issir assenjazzjoni *in natura* tal-ġid lil-leġittimarju;

Illi, fil-każ li għandna quddiemna, u wara li ttieħed qies taċ-ċirkostanzi kollha tal-wirt, għall-finijiet tal-ewwel talba l-Qorti qegħda tillikwida l-wirt tal-miżżewġin Ċiantar fis-somma ta' ħamest elef ħames mija u għoxrin lira Maltija (Lm 5520). Għalhekk, għall-finijiet tat-tieni talba attriċi s-sehem riżervat għal kull wieħed u waħda mill-atturi huwa ta' mitejn u tnax-il lira Maltija u wieħed u tletin ċenteżmu

(Lm 212.31)[34], li fuqhom għandu jgħaddi mgħax minn dak inhar tal-ftuħ tal-wirt tal-aħħar minn fost it-testaturi miżżewġin Ċiantar, jiġifieri mit-23 ta' Mejju, 1998;

Illi, għar-rigward dik il-parti tat-tieni talba attriċi li fiha jintalab il-bejgħ bl-irkant tal-fond tat-testaturi, il-Qorti tqis li ladarba s-sehem riżervat likwidat bis-saħħa ta' din is-sentenza jitħallas kif imiss lill-atturi, dawn ma jibqagħlhom l-ebda interess li jmexxu għall-bejgħ tal-fond b'liċitazzjoni. Dan ikollhom jedd jitolbuh f'każ li l-imħarrkin jibqgħu inadempjenti;

Illi dwar dak li l-imħarrkin jeċepixxu fl-**ewwel eċċezzjoni** tagħhom, għandu jingħad li l-Qorti m'għandhiex għalfejn tippronunzja ruħha dwarha aktar. Dan joħroġ minħabba l-fatt li, bid-degriet li ngħata f'Marzu tal-2000, li bih intlaqgħet it-talba tal-atturi għat-tibdil (b'żieda ta' talba oħra) fl-Att taċ-Ċitazzjoni, waqgħet waħedha kull ħtieġa li l-Qorti tqis aktar jekk l-azzjoni kif formulata tiswiex;

Illi dwar dak li jsemmu l-imħarrkin fit-**tieni eċċezzjoni** tagħhom, jidher li dawn qegħdin jagħmlu rikjam għal dak li tipprovdi l-liġi. Fl-artikolu 621 tal-Kodiċi Ċivili, l-liġi taħseb biex, fejn it-testatur ikun ħalla legat ta' użufrutt (jew rendita vitalizja), dawk li għandhom jedd għas-sehem riżervat jistgħu jagħżlu jew li joqogħdu għat-testment jew inkella li jieħdu s-sehem riżervat tagħhom ħieles minn kull piż u jċedu favur l-użufruttwarju l-jedd sħiħ għall-ġid disponibbli li t-testatur seta' jagħmel minnu. Fil-każ tal-lum, jidher li l-atturi għamlu l-għażla tagħhom u jridu li jieħdu s-sehem riżervat spettanti lilhom għa-saldu ta' kull pretensjoni tagħhom mill-wirt tal-ġenituri tagħhom. Għalhekk, lanqas it-tieni eċċezzjoni ma jidher li hija ta' xkiel biex l-atturi jieħdu dak li jistħoqqilhom;

Illi dwar ir-**raba', l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet,** kien dmir tal-imħarrkin li jsostnu dak li jallegaw. Jidher iżda, li, minħabba li ntlaħqet transazzjoni mal-attur John Ċiantar, ma baqgħux jisħqu iżjed fuq dawk l-allegazzjonijiet. Għall-kuntrarju, wieħed jifhem li t-transazzjoni kienet

[34] (Lm 5520 x 0.5)/13 = Lm 212.31

timplika li l-imħarrkin kienu aċċettaw li l-attur (u bħalu l-atturi l-oħrajn) kienu tassew irrinunzjaw għall-wirt u żammew sħiħa l-pretensjoni tagħhom għas-sehem riżervat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiddikjara** l-proċess eżawrit fir-rigward tal-azzjoni mibdija mill-attur John Ċiantar;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** fir-rigward tal-atturi l-oħrajn u tillikwida l-wirt ta' George u Cherubina miżżewġin Ċiantar fis-somma ta' ħamest elef ħames mija u għoxrin lira Maltija (Lm 5520);

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tillikwida s-sehem riżervat spettanti lil kull wieħed u waħda mill-atturi fis-somma ta' mitejn u tnax-il lira Maltija u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm 212.31), liema sehem, fiċ-ċirkostanzi u minħabba l-esigwita' tal-wirt u tal-assi tiegħu, għandu jittieħed bi ħlas ta' somma flus u għalhekk bl-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'effett mit-23 ta' Mejju, 1998, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin** billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu bejniethom l-**ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk marbuta mas-sentenza preliminari tal-15 ta' Lulju, 2002, minbarra dawk tal-perizja addizzjonali li jridu jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------